# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta 30 ta' Mejju, 2023**

**Kawza Numru: 9**
**Rikors Guramentat Numru:- 331/2018 JVC**

**Nicholas Cachia (ID 42346(M),**
**Francis Cachia (ID 890150M),**
**George Cachia (ID 968944M),**
**Lourdes Cachia (ID 200137M),**
**Maria Cachia (ID 262742M),**
**Anthony Cachia (ID 968844M) u**
**Nikolina Cachia (ID 39541M)**

**vs**

**Simon Cachia, Saviour Cachia u Eddie Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Nicholas Cachia et talbu kif isegwi:

**A. 'Il-Fatti:**

1. Illi l-kontendenti jiddettjenu b'titolu ta' qbiela bicca art u fuqha hemm ukoll struttura bini maghruf flimkien bhala 'Hesri Farm House' limiti ta' Wied il-Hesri, Siggiewi.

2. Illi ghalhekk il-kontendenti huma kollha co-okkupanti tal-imsemmi razzett u raba li hemm mieghu.

3. Illi madanakollu permezz ta' skirittura u pjanta annessa maghha (Dok NC1), il-kontendenti nkluzi maghhom huhom llum mejjet Giuseppe Cachia, kienu waslu fi ftehim bejniethom dwar qasma tal-imsemmi raba u l-ambjenti tar-razzett u dana sabiex kull wiehed u wahda minnhom jkun jaf liema parti ghandu jokkuppa ad-eskluzjoni tal-bqija u liema partijiet kellhom jibqu komuni ghal uzu tal-kondividenti kollha, b'dan illi kellhom jinzammu hielsa minn kull ngombru.

4. Illi hu r-rikorrenti Giuseppe Cachia miet fis-26 ta' Lulju 2013, u nforza ta' l-ahhar testment tieghu halla bhala l-uniku eredi tieghu lil huh ir-rikorrent Nicholas Cachia. (Dok NC3 sa Dok NC 6)

5. Illi l-kontendenti kienu ukoll ftehmu illi filwaqt li kull parti kellha tokkupa u/jew tahdem dik il-parti minn 'Ta' Hesri Farm' li tkun messet lilha skond il-qasma, kellhom jhallu l-partijiet komuni hielsa minn kull ostaklu fil-konfront ta' xulxin.

6. Illi l-kontendenti kienu fformulaw passaggi komuni li jaghti access ghar-raba jew ahjar llum gardina mill-bitha komuni tar-razzett u ghall-ambjent ohrajn mill-imsemmi razzett.
7. Illi wara li saret il-qasma tal-imsemmi raba u razzett, l-intimati arbitrarjament u minghajr awtorizazzjoni tar-rikorrenti, ghalqu l-gardina jew ahjar dik il-parti tar-raba ndikata fl-annessa pjanta bl-ittri A,B,C,D,E,F,G,H,I u J, u kif ukoll il-parti komuni ndikata fl-ittri P u Q, u kif ukoll il-kmamar mir-razzett indikati bin-numru 4, 5, 6, 7, u 9, dana kollu adeskluzzjoni kompleta w ghad-detriment tal-istess rikorrenti.

8. Illi ghalhekk llum l-intimati huma fil-pussess u fil-kontrol esklussiv ta' partijiet li kellhom jibqghu komuni ghal kulhadd, kif ukoll qed jokkuppaw ad eskluzzjoni tar-rikorrenti dawk il-partijiet hawn fuq imsemmija w li messew lilhom skond il-qasma.

9. Illi noltre' l-intimati bdew ukoll juzaw il-partijiet komuni rimanenti b'tali mod li qed jostakolaw l-ambjenti komuni u kif ukoll jimblukkaw l-access liberu ghall-partijiet mill-ambjenti l-ohra tar-razzett fosthom kamra numru 10, u kif ukoll nbarkaw fuq sensiela ta' atti violenti fil-konfront tar-rikorrenti bl-intiza li jintimidawhom u jisfurzawhom kompletament il-barra mill-imsemmi raba u razzett go Wied Il-Hesri fil-limiti ta' Siggiewi.

10. Illi l-intimidazzjonijiet saru u qed jsiru kemm bil-fomm u billi bdew jwaddbu hmieg taz-zwiemel u tal-klieb lejn il-bibien tal-kmamar nru 2 u 3 fil-pusess tar-rikorrenti jew uhud minnhom, u kif ukoll harqu l-mghallef li kien fil-kamra numru 7 propjeta' tar-rikorrenti Lourdes u Nicholas

Cachia, u kif ukoll imblukkaw il-kamra numru 10 b'karru taz-zwiemel ghad-detriment tar-rikorrent Francis Cachia, fost azzjonijiet intimidatorji ohra.

11. Illi l-intimati qedghin ukoll juzaw l-partijiet komuni rimanenti b'mod li qed jfixkel lir-rikorrenti fid-dgawdija tal-partijiet li jinsabu fil-pussess taghhom, u fl-access liberu fil-partijiet komuni u dana kif ser ikun spjegat dettaljatament fil-mora tal-kawza.

12. Illi l-intimati qedghin jhallu zwiemel u klieb fil-partijiet komuni tal-Farm ta' Wied ta' Hesri - Siggiewi, w ta' spiss qeghdin jfixxlu lir-rikorrenti fl-access liberu ghall-partijiet li fadal fil-pusess taghhom.

13. Illi noltre' l-intimat Simon Cachia hedded lir-rikorrenti li ser jbiddel is-serratura tal-imsemmi razzett li jinsab go Wied il-hestri fis-Siggiewi, u dana adeskluzzjoni tar-rikorrenti ghaliex skond hu r-razzett huwa kollu tieghu u familtu;

14. Illi barra minn dan kollu f'Marzu 2018 l-intimat Simon Cachia arbitrarjament u llegalment invada l-ghalqa ohra mqabbla ghand uhud mir-rikorrenti, liema ghalqa hija maghrufa 'Ta'Wilga z-Zghira', indikata ukoll bhala 'Taqsisa u l-Bur' fil-limiti ta' Siggiewi kif ahjar mirija l-anness *ariel photo* Dok NC .1, u dana stante illi r-rikorrenti hlief ghal George Cachia huma l-unici kerrejja tal-istess raba minghand l-Awtorita tal-Artijiet.

15. Illi matul l-istess zmien u cirkostanzi l-intimat Simon Cachia u Saviour Cachia dahlu fl-imsemmija ghalqa u serqu l-qamh mill-imsemmija ghalqa propjeta tar-rikorrenti, kif ukoll

vandalizzaw il-hitan tas-sejjieh tal-imsemmija ghalqa, u dana minkejja li l-intimat Simon Cachia gie repetutament milqugh u mwissi mir-rikorenti milli jaghmel dan u minkejja wkoll li saru diversi rapporti w kwereli kontra tieghu mal-Pulizija.

16. Illi l-intimat Simon Cachia minkejja diversi rapporti li saru kontra tieghu baqa jhedded, jintimida u jipprovoka lill-uhud mir-rikorrenti meta sfaccatament f'wicchom jew minn wara daharhom baqa jinvadi r-raba 'Ta' Wilga z-Zghira ' li huwa mqabbel esklussivament ghandhom sabiex jivvandalizza l-hitan u jisraq l-qamh.

17. Illi kien fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha fejn l-attegjament tal-intimati huwa wiehed ta' 'bullying' fil-konfront tar-rikorrenti, persuni ta' eta avvanzata, sabiex jfixxkluwhom fid-dgawdija tal-propjeta li qieghda fil-pussess taghhom, li r-rikorrenti kellhom jirrikorru ghat-talba tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 421/2018LSO kontra Simon Cachia, degretat fis-27 ta' Marzu 2018.

18. Illi r-rikorrent Nicholas Cachia jiddikjara li huwa jaf b'dawn il-fatt personalment.

**B. Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-proceduri**

1. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex l-intimati jizgumbraw minn partijiet mir-raba u r-razett li jinsabu f' Wied l-Hesri u jnehhu l-ingombru mill-partijiet komuni li jinsabu fl-imsemmija raba u razzett u jergu jifthu l-accessi li huma ghalqu, w jkunu huma jew minn minnhom prekluzi

milli jergu jinvadu r-raba 'Ta' Wilga z-Zghira', indikata ukoll bhala 'Taqsisa u l-Bur' fil-limiti ta' Siggiewi;

**C. Talbiet Attrici**

Ghaldaqstant r-rikorrenti in vista' ta' dak kollu fuq premess, jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara li l-kontendenti huma ko-pussessuri tar-raba u r-razzett li jinsabu f'Wied il-Hesri fil-limiti tas-Siggiewi fi kwoti diversi li tasal ghalihom dina l-Onorabbli Qorti.

2. Tiddikjara li l-kontendenti kienu qasmu bejniethom l-imsemmi raba u razzett f'Wied il-Hesri fil-limiti tas-Siggiewi skond skrittura privata u pjanta annessa dokument NC1, u ghalhekk l-intimati wara l-imsemmija qasma nvadew arbitrarjament u llegalment partijiet mir-raba u r-razzett ta' Wied il-Hesri adesklussjoni w ghad-detriment tar-rikorrenti.

3. Tiddikjara li r-rikorrenti huma ko-pussessuri tar-raba maghruf 'Ta' Wilga z-Zghira', indikata ukoll bhala 'Taqsisa u l-Bur' fil-limiti ta' Siggiewi fi kwoti diversi li tasal ghalihom dina l-Onorabbli Qorti u adeskluzzjoni tal-intimati.

4. Tiddikjara illi Nicholas Cachia wahdu wiret lid-defunt huh Giuseppi Cachia u ghalhekk sehem id-defunt Giuseppi Cachia mill-qbiela tar-Razzett u r-raba maghruf 'Ta' Wied il-Hesri fil-limiti tas-Siggiewi w kif ukoll mill-qbiela tar-raba 'Ta' Wilga z-Zghira', ndikata ukoll bhala 'Taqsisa u l-Bur' fil-limiti tas-Siggiewi ddevolvew fuq isem r-rikorrent Nicholas Cachia skond kif jipprovdi l-artikolu 2 tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tikkundanna lill-intimati jew minnhom jnehhu kull ngombru li hemm fil-partijiet komuni minnhom maghmula fir-razzett u r-raba 'Ta' Wied l-Hesri fil-limiti tas-Siggiewi, u kif ukoll kull oggett iehor li jinsab fil-partijiet komuni li b'xi mod jew iehor jxekkel lir-rikorrenti fid-dgawdija w l-pussess kongunt tal-istess partijiet komuni, w kif ukoll tordnalhom jirrimovu s-sokra u jifthu l-accessi kollha minnhom ostakulati tal-partijiet komuni w kif ukoll tal-partijiet l-ohra kollha li jappartjenu lir-rikorrenti.

6. Tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgumbraw minn dawk l-ambjenti tar-razzett u r-raba f'Wied il-Hesri fil-limiti tas-Siggiewi li jappartjenu lir-rikorrenti skond il-qasma annessa dokument NC1.

7. Tikkonferma l-effetti tad-digriet taghha datat 27 ta' Marzu 2018 li nforza tieghu nhareg l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 421/2018LSO, interalia li tinibixxi definittivament, lill-intimati jew minn minnhom milli b'xi mod jew iehor jimmolestaw lir-rikorrenti fid-dgawdija u l-pusess tal-ghalqa maghrufa 'Ta' Wilga z-Zghira' , ndikata ukoll bhala 'Taqsisa u l-Bur' fil-limiti tas-Siggiewi.

8. Taghti dawk il-prevedimenti kollha necessarji w opportuni fic-cirkostanzi, nkluzi wkoll billi tawtorizza lir-rikorrenti previa bl-ghajnuna u taht s-supervizjoni ta' periti nominandi, jnehhu ghas-spejjez tal-intimati kull ngombru u jifthu kull access skond id-direzzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti kif jidrilha xieraq, u dana sabiex id-drittijiet kollha tar-rikorrenti f'dan ir-rigward jkunu mharsa fl-intier taghhom.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 421/2018 LSO, kontra l-intimati li jibqu minn isssa ngunti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Simon Cachia et li taqra kif isegwi:

1. 'Fl-ewwel lok, preliminarjament, ir-rikorrenti kollha jridu jgibu l-ahjar prova tat-titolu minnhom reklamat fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat, kif ukoll b'hekk tal-interess guridiku li jressqu it-talbiet f'din il-kawza;

2. Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jehtiegu wkoll qabel xejn jiddentifikaw bid-dikjarazzjoni appozita x'inhi n-natura tal-azzjoni minnhom maghmula, u/ jew l-artikolu fil-ligi abbazi ta' liema qeghdin iressqu din l-azzjoni, bil-ghan illi l-esponenti intimati jkunu f'qaghda ahjar illi jifformulaw it-twegiba taghhom ghall-istess;

3. Fit-tielet lok, gialadarba r-rikorrenti jidentifikaw l-azzjoni minnhom imressqa, jehtieg jissodisfaw fis-shih l-elementi kollha mehtiega mil-ligi sabiex l-azzjoni hekk identifikata tkun tista' tirnexxi;

4. Fir-raba', lok sejjer jirrizulta lil din l-Onorabbli Qorti illi r-rikorrenti kienu prekluzi mil-ligi milli jressqu l-hames, is-sitt u t-tmien talba maghmula fir-rikors guramentat taghhom, u dan ghar-ragunijiet li se jigu spjegati aktar fid-dettall matul is-smiegh;

5. Fil-hames, lok, is-sebgha talba fir-rikors guramentat hija inakkoljibbli stante il-fatt illi ma tezisti ebda azzjoni ghall-kawtela permanenti u perpetwa ta' xi drittijiet *ut sic* fl-astratt,

kif lanqas tezisti ebda azzjoni sabiex mandat kawtelatorju jigi estiz permanentement;

6. Fis-sitt lok, dak li jinghad mir-rikorrenti huwa fattwalment inkorrett u inveritier, u legalment insostenibbli, hekk kif se jirrizulta mis-smigh tar-rikors guramentat;

7. Mil-bqija, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez u imghaxxijiet (fejn dovuti) kontra r-rikorrenti, u b'riserva li l-esponenti jressqu kull eccezzjoni ulterjuri illi jistghu ikunu awtorizzati jressqu skond il-ligi, u minghajr pregudizzju ghall kull jedd tal-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti.'.

Rat l-affidavits, xhieda, skrittura privata, pjanti, ritratti, certifikat tal-mewt, ricerki testamentarji sigrieti u pubblici, testment, skrittura privata, okkorrenzi, sentenzi, ricevuti, aeriel photos, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat in-nota tar-rikorrenti ntavolata nhar it-3 ta' Lulju, 2018 (fol. 48) fejn permezz taghha ddikjaraw li l-azzjoni minnhom vantata bir-rikors guramentat hija l-actio manutentionis in rigward il-molestia fil-pussess tal-ghalqa 'Ta' Wilga z-Zghira' indikata wkoll bhala 'Taqsisa' u 'l-Bur' fil-limiti tas-Siggiewi, u hija wkoll l-actio pussessarja rigward il-molestja fil-pussess 'Hesri Farm House', limiti ta' Wied il-Hesri, Siggiewi u dan ibbazata fuq il-pussess bl-inkwilinat tal-istess razzett u raba' anness mieghu;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Novembru, 2018 (fol. 49) Dr Victor Bugeja ghar-rikorrenti ddikjara li l-actio possessoria rigward il-molestja fil-pussess ta' Hesri Farmhouse hija l-actio spolii;

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' Marzu, 2021 din il-Qorti ddikjarat wara li rat il-verbal a fol. 49 tal-process u in vista tat-talbiet tar-rikorrenti kif imposti u stante li fi kwalunkwe kaz il-provi tar-rikorrenti xorta wahda tressqu fuq it-talbiet kollha, il-Qorti rrevokat l-ordni li ser tinghata sentenza separata fuq l-actio spolii u ddikjarat li ser tinghata sentenza fuq it-talbiet kollha;

Rat illi fil-verbal datat 30 ta' Mejju, 2023 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jaghmlu s-sottomissjonijiet bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>L-ewwel eccezzjoni preliminari – l-ahjar prova tat-titolu:</u>**

Illi preliminarjament l-intimati eccepew li r-rikorrenti jridu jgibu l-ahjar prova tat-titolu minnhom reklamat, kif ukoll b'hekk tal-interess guridiku li jressqu t-talbiet f'din il-kawza.

Illi tul il-mori tal-kawza gie identifikat bi precizazzjoni x'inhi n-natura tal-azzjoni odjerna fejn ir-rikorrenti ddikjaraw permezz ta' nota (fol. 48) u fil-verbal tas-seduta tas-6 ta' Novembru, 2018 (fol. 49) li l-azzjoni fir-rigward ir-raba' maghruf bhala 'Ta' Wilga z-Zghira', maghrufa wkoll bhala 'Taqsisa' jew 'L-Bur' hija l-*actio manutentionis*, filwaqt li fir-rigward ir-raba' u r-razzett maghruf bhala 'Ta' Wied Hesri', fis-Siggiewi hija l-*actio spolii*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Grezzju Patiniott et -vs- George Degiorgio** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-11 ta' April, 2019 li da parte taghha kkwotat mid-decizjoni fl-ismijiet **Domenica Mamo et -vs- Antonia Galea** gie ritenut illi:

'Tajjeb jigi affermat, li huwa minnu, li kemm l-*actio spolii*, u l-*actio manutentionis* huma azzjonijiet possessorji, fejn il-bazi taghhom hija l-pussess mhux it-titolu. Tant hu hekk, li kemm l-*actio spolii* u kemm l-*actio manutentionis* ma jidhlux fil-kwistjoni petitorja tat-titolu.

Difatti, kif ribadit fil-kaz **Domenica Mamo et vs Antonia Galea**, Prim Awla - 18 ta' Frar 2004:

*"L'actio manutentionis bhal actio spolii tista' tkun, anzi ghandha tkun diretta kontra l-persuna li materjalment ikun responsabbli ghall-agir abbuziv turbattiv tal-pussess, indipendentement minn kull konsiderazzjoni ohra. L-azzjoni hija mmirata biex jigi reintegrat l-istat ta' dritt billi min ikun responsabbli biex jiddisturba l-istatus quo vjolentement, abbuzivament jew klandestinament jigi kkundannat li jqieghed kollox kif kien qabel, bhala pre rekwizit ghall-indagini dwar id-drittijiet reciproci bejn il-litiganti."'.*

Illi fil-kaz odjern, trattandosi ta' *actio spolii*, u ta' *actio manutentionis*, l-Qorti m'ghandiex ghalfejn tinvestiga t-titolu tal-proprjeta' pero' investigazzjoni tal-pussess u detenzjoni skont il-kaz huwa sufficjenti u dan anke fid-dawl ta' dak li nghad fil-gurisprudenza kwotata. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak li ghadu kif inghad il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-ewwel eccezzjoni preliminari.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

Illi fit-tieni eccezzjoni taghhom l-intimati Cachia eccepew illi r-rikorrenti qabel xejn jehtieg illi jidentifikaw bid-dikjarazzjoni appozita x'inhi n-natura tal-azzjoni minnhom maghmula u/jew l-artikolu fil-ligi abbazi ta' liema qeghdin iressqu din l-azzjoni bil-ghan li huma jkunu f'qaghda li jifformulaw it-twegiba taghhom ghall-istess.

Illi r-rikorrenti Nicholas Cachia et permezz ta' nota ntavolata nhar it-3 ta' Lulju, 2018 (fol. 48) iddikjaraw illi '…l-azzjoni minnhom vantanta bir-rikors guramentat bin-numru surreferit hija l-*actio manutensionis* in rigward il-molestia fil-pussess tal-ghalqa **Ta' Wilga z-Zghira**' indikata ukoll bhala 'Taqsisa' u 'l-Bur' fil-limiti tas-Siggiewi, u hija ukol l-*actio pussessorja* nrigward il-molestia fil-pussess ' **Hesri Farm House**, limiti ta' Wied il-Hesri, fis-Siggiewi w dana bbazzat fuq il-pussess bl-inkwilinat tal-istess razzett u raba anness mieghu.'.

Segwa li fil-verbal tas-seduta tas-6 ta' Novembru, 2018 (fol. 49) Dr Victor Bugeja ghar-rikorrenti specifika fir-rigward l-'actio possessoria' rigward il-molestja fil-pussess tar-raba' u razzett maghruf bhala 'Ta' Hesri Farmhouse' li hija l-actio spolii.

Jirrizulta ghalhekk li din l-eccezzjoni hija sorvolata.

Illi fid-dawl ta' tal-identifikazzjoni tal-azzjonijiet tentati mir-rikorrenti l-Qorti ser tipprocedi sabiex tezamina z-zewg azzjonijiet separatament billi l-ewwel tibda bl-*actio spolii* u sussegwentement tghaddi sabiex tezamina l-*actio manutentionis*.

**Actio spolii fuq raba' w razzett maghruf bhala 'Ta' Wied Hesri':**

Illi l-azzjoni ta' spoll hija regolata bl-Artikoli 535 u 536 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu kif isegwi:

'535. (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.

536. It-tqegħid mill-ġdid fil-pussess fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jneħħix il-jedd tal-eżerċizzju ta' kull azzjoni possessorja oħra li għaliha jkollu jedd kull pussessur.'.

Illi l-awtur **Mattirolo** fil-ktieb tieghu **Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano** (Volume I. ed. 1902 Torino, para. 271) dwar din l-azzjoni ta' spoll privilegjat jghid illi:

'La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato è una misura di ordine pubblico, è un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Codice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola "spoliatus ante omnia restituendus". Il perchè l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purchè pero' abbia il carattere esteriore

dell'esercizio di un preteso diritto.'.

Illi mill-gurisprudenza tal-Qrati nostrana jirrizultaw tlett (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta' spoll privilegjat tirnexxi, u cioe':

1. **Actor docere debet possedisse** – il-pussess;

2. **Spoliatum fuisse** – l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u

3. **Infra bimestre deduxisse** – l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

Illi jekk wahda minn dawn l-elementi hija mankanti din l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin ma tirnexxix. Hekk difatti nghad mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Tabone -vs- Joseph Flavia sive de Flavia** deciza nhar is-7 ta' Marzu, 1958 illi:

'Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat, l-azzjoni taqa' minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra.'.

Illi fil-mertu l-Qorti rat li fir-rikors promotur, ir-rikorrenti bhala raguni ghat-talbiet f'dawn il-proceduri, partikolarment dawn relatati mar-raba' u r-razzett maghruf bhala 'Ta' Hesri Farmhouse', Siggiewi jiddikjaraw li l-iskop tal-kawza huwa sabiex l-intimati jizgumbraw minn partijiet mir-raba' u r-razzett li jinsab f'Wied Hesri, jnehhu l-ingombru mill-partijiet komuni li jinsabu fl-istess raba' u razzett, u jifthu l-accessi li l-intimati ghalqu.

F'dan ir-rigward ir-rikorrent Francis Cachia fl-affidavit tieghu a fol. 52 et seq tal-process jghid is-segwenti:

‘Gara pero li fil-21 ta’ Settembru 2015 l-intimati bla kliem u bla sliem gabu fir-razzett hafna material tal-bini, nkluzi gebel u ramel u zrar u nvadew ir-raba kollu ghad-detriment tal-ahwa kollha u bdew jibnu l-kmamar fir-raba. Barra minn dan ghalqu l-access bil-katnazzi u zewg biebien. Illum ahna prekluzi nidhlu fl-ambjenti murija fil-pjanta dok FC18 indikati bl-ittri A, C, D, E, F, J, I u H u kif ukoll il-kmamar numru 5 u 9. Dwar parti minn dawn l-invazjonijiet li saru bejn l-15 ta’ Settembru 2015 u llum saru mill-intimati, saru diversi rapport u anke kawza quddiem l-Qorti tal-Magistrati. Qieghed nannetti ukoll sentenza tal-Magistrat Dottor Aaron Bugeja f’dan ir-rigward, (dok FC19).

Wara dan kollu ahna avvicinajna lil huna Salvu Cachia sabiex jirrivertu lura l-bini u l-pussess ghal dak li kien qabel pero huwa irrifjuta. Dan kien fil-25 ta’ Jannar 2016. Dak in-nhar, mhux biss kien irrifjuta li jirriverti ruhu u jirregola skond l-skrittura imma ukoll kien heddidna li gie inkwiet kbir ghalina. Fuq dan it-theddid morna l-Ghassa ta’ Haz-Zebbug naghmlu rapport (Dok FC20) u waqt li jiena u hija Nicholas konna fl-Ghassa taz-Zebbug dahal rapport li kien hemm hruq f’razzett fis-Siggiewi u meta rritornajna lura r-razzett taghna sibna fire engines u l-kamra kumru 7 ta’ ohtna Lourdes u li fiha jiena u huti kellna ghadda tar-raba u tiben, kienet mahruqa ghal kollox. Dwar l-incident rega sar rapport lill-Pulizija u ttiehdu l-proceduri kriminarli izda Salvu Cachia gie liberat minhabba nuqqas car ta’ provi ghax ma nqabadx fil-fatt.

Irrid nghid illi fir-razzett jinzlu kuljum huna Salvu u uliedu Simon u Eddie ahwa Cachia. Minn dak iz-zmien ahna ghamilna madwar tmintax ir-rapport dwar molestja min naha tal-intimati. Qed nesebixxi sensiela ta’ rapport li saru mal-pulizija li jirrigwardaw ngombru tal-passaggi komuni, tfiegh ta’ demel u hmieg taz-

zwiemel lejn il-bieb tal-kmamar ta huti George, Nicholas, u Nikolina, jitilqu klieb perikoluzi bhal pitbull u klieb tal-wolve fil-partijiet komuni u jirrifjutaw li jnehhom minn nofs. Jingumbraw l-passag komuni biz-zmiemel, u karettuni u ngenji fil-bieb principali, tpoggija ta' katnazzi u twahhil ta' biebien fil-passaggi komuni sabiex jostakolaw lilna r-rikorrenti milli nidhlu liberament ghall-ambjenti minnha suppost okkupati. Dwar dawn l-incideni saru diversi rapport lil Pulizija. (ara doks FC21 sa FC , ritratti u rapport annessi).'.

Illi sabiex il-Qorti tkun tista tidentifika wiehed wiehed minn dawn l-incidenti u tkun tista tidentifika d-data meta graw dawn l-incidenti billi d-data hija element essenzjali tal-actio spolii trid tezamina wiehed wiehed ir-rapporti li saru ghand l-Pulizija Ezekuttiva. B'dawn ikunu s-segwenti:

1. Rapport datat 21 ta' Settembru, 2015 bir-referenza NPS 2/D/2018/2015 (fol. 97) fejn permezz tieghu whud mir-rikorrenti rrapportaw li huma ghandhom razzett maqsum skont il-ligi bil-perit u huhom l-iehor Salvu Cachia qed jiehu kmamar u giardina zghira li m'humiex tieghu. Komplew jistqarru li Salvu jghid li jaghmel hekk ghax ma jibza minn hadd. Jghidu li Salvu qieghed inaddaf biex jipprepara biex jibni kamra fin-naha ta' Nikol li kien diga ha nofsha. Ir-rikorrenti Francis u Nikol f'dan ir-rapport stqarru wkoll li Salvu ihalli tlett (3) iklieb ta' razza pitbull, German Shephard u Dober fil-bitha u huma jiddejqu jidhlu bihom. Sostnew li kull ma jixtiequ huma huwa li Salvu jiehu l-affarijiet tieghu mhux ta' haddiehor ukoll.

2. Rapport datat 24 ta' Jannar, 2016 bir-referenza NPS 2/D/225/2016 (fol. 111) fejn uhud mir-rikorrenti

rrappurtaw illi dakinhar ghal habta tal-8.30am meta marru l-ghalqa ta' Wied il-Hesri, Siggiewi sabu li ziemel (pony) li kellhom f'kamra li qieghda fl-istess ghelieqi u li tappartjeni lil huhom Anthony bix-xatba tal-hadid imnehhija cioe' imqaccta minn postha u minflokha tpoggiet wahda tal-injam biss kemm ma johrogx dan iz-ziemel u ta' dan ghandhom ir-ritratti. Jghidu li dan iz-ziemel kien ta' huhom li gie nieqes u huhom iehor Salvu Cachia qabad u ha tliet kmamar li fihom kien hemm xi affarijiet u z-ziemel imsemmi. Ikomplu jghidu li huma ghandhom kawza ma' dan huhom Salvu Cachia u t-tfal tieghu Simon u Eddie li jkunu ukoll gewwa l-ghelieqi msemmija.

3. Rapport datat 25 ta' Jannar, 2016 bir-referenza NPS 2/D/232/2016 (fol. 73) fejn permezz tieghu whud mir-rikorrenti lmentaw illi ghal habta tal-10 ta' filghodu kien avvicinhom huwhom Salvu Cachia fejn talabhom li jsibu kompromess u meta huma qalulu li hemm il-Qorti u ghalhekk taqtaha l-Qorti huwa beda jheddidhom. Iddikjaraw li kienu qeghdin jibzghu jersqu lejn l-ghalqa ta' Wied Hesri billi jista jaghmlilhom xi haga.

4. Rapport datat 25 ta' Jannar, 2016 bir-referenza NPS 2/D/235/2016 (fol. 77) minn liem jirrizulta li ghal habta ta' nofsinhar (12pm) dahlet telefonata fil-control room tal-Pulizija li kien hemm xi nirien gewwa xi mahzen fi Triq Manuel Zammit, Siggiewi. Fir-rapport jirrizulta li gew mitkellma Nicholas Cachia u Francis Cachia fejn stqarrew li huma s-sidien tal-kamra li hadet in-nar u li huma ma kinux fuq il-post x'hin gara l-hruq billi huma kienu jaghmlu rapport gewwa l-Ghassa. Stqarrew li dik kienet il-kamra taghhom u kienet l-unika kamra li hadet in-nar u li fiha kien

hemm tiben, ghalf taz-zwiemel u mutur tal-hart ahmar valur ta' €400.

5. Rapport datat 1 ta' Frar, 2015 jew 2016 bir-referenza NPS 2/D/313/2016 (fol. 104) fejn permezz tieghu whud mir-rikorrenti rrapportaw illi huma marru fl-ghalqa li kienet mahruta sabiex jigi mhawwel il-basal fejn sabu debba li kienet qed tghaffeg fil-parti taghhom tal-ghalqa. Sostnew illi din id-debba hija ta' Simon Cachia detentur tal-karta tal-identita' numru 014971M li huwa t-tifel ta' huwhom. Stqarrew ukoll li sabiex id-debba tidhol fil-parti taghhom xi hadd irid jifthilha.

6. Rapport datat 10 ta' Frar, 2016 bir-referenza NPS 2/D/391/2016 (fol. 120) fejn permezz tieghu r-rikorrenti Nicholas Cachia flimkien ma' George Cachia stqarrew li l-bierah 9 ta' Frar, 2016 huma marru gewwa r-razzett u fil-parti tal-giardina taghhom sabu debba tigri ta' Simon Cachia. Sostnew ukoll li fl-istess giardina hemm parti b'xatba liema xatba giet maghluqa b'habel, katina u katnazz liema xatba qed taghlaq l-access ghal parti li hi komuni ghal kulhadd. Stqarrew li din id-debba ilha fl-imsemmija giardina mid-29 ta' Jannar, 2016 u huwa kien ha xi ritratti rigward dan. Nicholas Cachia kompla jishaq li llum fl-10 ta' Frar, 2016 flimkien ma' certu Manuel Cachia kienu marru sabiex jalfu z-ziemel u fil-bieb li jintuza sabiex tidhol ghar-razzett kien hemm debba marbuta ezatt wara l-bieb u minhabba li l-bieb jinfetah fuq in-naha ta' gewwa meta jinfetah il-bieb din tista tintlaqat u tista tkun ta' periklu wkoll ghalihom.

7. Rapport datat 28 ta' April, 2016 bir-referenza NPS 2/D/1225/2016 (fol. 125) fejn permezz tieghu George

Cachia, Anthony Cachia u Nicholas Cachia rrappurtaw illi huwhom Salvu Cachia li wkoll ghandu bicca mir-raba' kien qieghed jaqla s-sigar u kif ukoll ghamel katnazz biex hutu l-ohra ma jkunux jistaw jidhlu. Anthony Cachia stqarr ukoll li fil-bicca tieghu Salvu ghandu ziemel u ihallih wara x-xatba biex ma jkunx jista jidhol kif ukoll ghamel tinda biex jorqod iz-ziemel fiha. George Cachia kompla li Salvu ghandu l-klieb li hallihom jigru u li jistaw ikunu ta' perikolu ghall-hutu.

8. Rapport datat 28 ta' Novembru, 2016 bir-referenza NPS 2/D/3107/2016 (fol. 134) fejn permezz tieghu whud mir-rikorrenti rrappurtaw illi ghal habta tas-7.30am marru sabiex jghalfu l-pony ir-razzett li qieghed Wied il-Hesri, Siggiewi u sabu l-klieb jigru fil-komun fil-bitha fosthom pitbull, tal-wolf u ohrajn kbar daqshom. Stqarrew li hemm sabu lin-neputi taghhom Eddie Cachia u qalulu sabiex idahhal il-klieb u jnehhi l-hmieg taghhom min-nofs u dan bl-edukazzjoni dan beda jghajjarhom u juza kliem mhux xieraq. Stqarrew ukoll li huma u hergin qabad il-hmieg tal-klieb u waddbu mal-bieb tal-mahzen u fuq il-katnazz fil-prezenza taghhom.

9. Rapport datat 16 ta' Dicembru, 2016 bir-referenza NPS 2/D/3252/2016 (fol. 139) fejn permezz tieghu r-rikorrenti Nicholas Cachia u Francis Cachia rrappurtaw illi ghal habta tas-7.30 nizlu r-razzett bhas-soltu gewwa Wied Hesri, Siggiewi biex jaghlfu lill-pony u dawn ma setghux jidhlu minhabba l-fatt li Eddie Cachia kief rahom gejjin fetah lil erba' (4) klieb li ghandu. Sostnew illi huma obbligati jmorru darbtejn kuljum apparti li jridu johorgu l-pony u bil-klieb ma jkunux jistghu. Sostnew ukoll li meta jkellmu lil Eddie jibda jitkellem pastaz u hazin.

10. Rapport datat 8 ta' Marzu, 2018 bir-referenza NPS 5/K/489/2018 (fol. 178) fejn ir-rikorrenti Francis Cachia flimkien ma ibnu Manuel Cachia, u Nicholas Cachia rrapportaw li ftit tal-hin qabel hekk ghal habta ta' 2.30pm huwa mar fl-ghalqa tieghu fil-limiti ta' Wilga z-Zghira lejn il-gibjun tal-Qrendi u nzerta lil Simon Cachia li kien qieghed jghabbi balla tiben fuq mutur kif ukoll kien hemm balla tiben ohra mahsuda fl-art. L-istess qamh kien mizrugh qabel minn Francis Cachia. Francis Cachia sostna li huwa kien mar kellem lil Simon Cachia u dan kien qallu li ghada kien riega sejjer.

11. Rapport datat 9 ta' Marzu, 2018 bir-referenza NPS 5/K/499/2018 (fol. 184) fejn permezz tieghu George Cachia rrapporta li ghal habta tad-9am waqt li kien l-ghalqa maghrufa bhala 'Il-Wilga z-Zghira' dahlet karozza bajda bir-reverse misjuqa minn Simon Cachia u ibnu Luke Cachia go sqaq jaghlaq. Jghid li x'hin nizel infurmah biex ma jidholx gol-ghalqa tieghu u dan qallu li ser jidhol u ser jaqla l-qamh u ser jigi kuljum jaqla l-qamh. Sostna li Simon qallu li ser jibdel ic-cavetta tar-razzett u ma jhallihx aktar jidhol. George Cachia jghid li huma qabzu l-hajt u bdew jaqalaw gozz l-qamh u jghid li huwa beda jxerdu biex ma jihduhx u hu xorta baqa jaqla l-qamh. Jghid li Simon qallu ejja hudu l-qamh u x'hin mar qabdu minn sidru u sabtu mal-art u weggalu dahru u Luke beda jzomm lil missieru sabiex ma jsawwtux. Jghid li hu halla lil Simon jaqta l-qamh u mar l-ghassa.

12. Rapport datat 12 ta' Marzu, 2018 bir-referenza NPS 2/D/498/2018 (fol. 190) fejn permezz tieghu r-rikorrenti

George, Francis u Nicholas ahwa Cachia rrapportaw illi s-Sibt 10 ta' Marzu, 2018 kienu marru l-ghalqa ghal habta tas-2.15pm u sabu bicca mill-hajt tal-ghalqa mwaqqa u qabda qamh maqlugh. Sostnew li huma bnew il-hajt mill-gdid u marru lura d-dar. Sostnew ukoll li llum 12 ta' Marzu, 2018 Frans u Nicola marru gewwa l-ghalqa ghal habta tas-7.30am – 8.30am gewwa l-Wilga z-Zghira, Siggiewi u l-hajt kien ghadu kif kien is-Sibt mibni. Imbaghad kienu marru kollha f'daqqa ghal habta tal-10.15 u sabu li xi hadd kien rega qaleb l-hajt u ha l-qamh. Komplew jirrapportaw li meta kienu fir-razzett raw lil Simon Cachia bil-van Range Rover u minnha kien qieghed inizzel qamh minn wara tieghu ghal gor-razzett sabiex jitimghu liz-ziemel tieghu.

13. Rapport datat 13 ta' Marzu, 2018 bir-referenza NPS 5/K/522/2018 (fol. 198) fejn permezz tieghu r-rikorrenti Nicholas, George u Francis ahwa Cachia rrappurtaw illi filghodu ghal habta tad-9am fl-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Wilga z-Zghira', Siggiewi raw lil Simon Cachia jigi fl-ghalqa fejn qata l-qamh u ghabbih fil-karozza. Sostnew li Simon Cachia m'ghandu xejn minn dik l-ghalqa u ghalhekk m'ghandux dritt jidhol fiha.

14. Rapport datat 24 ta' Marzu, 2018 bir-referenza NPS 2/D/551/2018 (fol. 144) fejn uhud mir-rikorrenti rrappurtaw illi kellhom problema fir-razzett f'Wied Hesri, Siggiewi billi x'hin marru biex johorgu z-ziemel taghhom sabu z-ziemel ta' Simon Cachia marbut mal-bieb taghhom. Ghalkemm ghajtulu kemm il-darba dan Simon baqa' ma marx ghaliex rahom rega dahal l'gewwa mill-bieb.

15. Rapport datat 8 ta' Mejju 2018 bir-referenza NPS 2/D/835/2018 (fol. 152) fejn permezz tieghu whud mir-rikorrenti rrappurtaw illi nhar it-3 ta' Mejju, 2018 Saviour Cachia u Simon Cachia dendlu serkin mal-mahzen tar-razzett taghhom meta huma riedu jaghmlu xi xoghol fuqu. Ziedu jghidu wkoll li Salvu Cachia gie avzat mill-Pulizja fejn kien qal li ser inehhih izda llum fit-8 ta' Mejju, 2018 meta marru r-razzett sabu serkin iehor imdendel mal-hajt u sabu wkoll xi gaggeg bil-hamiem.

16. Rapport datat 15 ta' Gunju, 2018 bir-referenza NPS 2/D/1100/2018 (fol. 160) fejn permezz tieghu r-rikorrenti Nicholas u Francis ahwa Cachia rrappurtaw illi fl-14 ta' Gunju, 2018 ghall-habta ta' 14.35pm l-intimati Saviour u Simon Cachia nvadew kamra okkupata mill-kwerelanti w dana billi fethu bieb fil-hajt divizorju w okkupaw l-istess kamra formanti parti mir-razzett bla isem li jinsab gewwa Wied l-Hesri, Siggiewi.

17. Rapport datat 7 ta' Lulju, 2018 bir-referenza NPS 2/D/1241/2018 (fol. 163) fejn permezz tieghu whud mir-rikorrenti rrappurtaw illi ghal habta tas-1.30pm kienu ser johorgu biz-ziemel minn gor-razzett li jinsab f'Wied Hesri fejn jostakola l-entratura tal-istess razzett kien hemm mutur bin-numru ta' registrazzjoni JBF528 biex konsegwenza t'hekk kellhom idahhlu z-ziemel lura f'postu peress li bl-ebda mod ma setghu johorgu minn gor-razzett.

18. Rapport datat 21 ta' Lulju, 2018 bir-referenza NPS 2/D/1336/2018 (fol. 168) fejn permezz tieghu Nicholas u Francis ahwa Cachia rrappurtaw illi ghal habta tas-2pm huma marru biex johorgu l-pony mill-bicca art li ghandhom

huma fejn sabu l-mutur ta' Simon Cachia bin-numru ta' registrazzjoni JBF 528 fil-komun u ma setghux jghaddu komdi bil-pony taghhom u ghalhekk holoq ostakolu ghalihom. Nicholas Cachia sostna li din ma kinitx l-ewwel darba li jpoggi l-mutur tieghu fil-komun li huwa ta' kulhadd u hadd ma jista jghaddi komdu bih.

19. Rapport datat 13 ta' Awwissu, 2018 bir-referenza NPS 2/D/1515/2018 (fol. 174) fejn permezz tieghu r-rikorrenti Nicholas u Francis ahwa Cachia rrappurtaw li ghal habta tas-1.30pm nizlu sar-razzett sabiex johorgu l-pony izda ma setghux peress li n-neputi Simon Cachia dahlilhom l-mutur fil-komun tar-razzett sabiex jimblukka u b'hekk ma setghux jahdmu.

Il-Qorti rat ukoll li fl-atti r-rikorrenti tellghu bhala xhud lill-Ispettur Kyle Borg li minflok tela' Pulizija Ryan Sacco u pprezenta ghadd ta' rapporti li saru mal-Pulizija Ezekuttiva. Uhud mir-rapporti huma l-istess bhal dawk ipprezentati mir-rikorrenti personalment filwaqt li ohrajn ma gewx ipprezentati mir-rikorrenti u ghalhekk il-Qorti ser taghmel referenza ghalihom. Dawn huma:

20. Rapport datat 26 ta' Lulju, 2016 bir-referenza NPS 2/D/2039/2016 (fol. 310) fejn George Cachia u Nicholas Cachia rrappurtaw illi huhom kien qieghed ihalli l-klieb jigru bla cinga gewwa Wied Hesri, Siggiewi. Gie mitkellem Simon Cachia fejn stqarr li l-klieb ikunu msakkrin matul il-gurnata pero' meta jmur it-tifel tieghu fil-hin tal-16:00 dan johroghom fil-bitha tar-razzett.

21. Rapport datat 13 ta' Jannar, 2017 bir-referenza NPS 2/D/113/2017 (fol. 281) fejn George, Nicholas u Francis ahwa Cachia rrappurtaw illi sabu l-bieb tal-hamra numru 10 fir-razzett ta' Wied Hesri, Siggiewi mkisser u ivvandalizzat. Ziedu jghidu li huma ma sabu xejn nieqes u li kienu qeghdin jissuspettaw f'huhom certu Salvu Cachia u t-tfal tieghu Eddie u Simon.

22. Rapport datat 6 ta' Settembru, 2017 bir-referenza NPS 2/D/1984/2017 (fol. 300) fejn permezz tieghu r-rikorrenti Francis, George u Nicholas ahwa Cachia rrapportaw illi huhom Salvu Cachia pogga fil-bitha komuni karru ta' ziemel, srieken, xkejjer kbar bic-cana, karretta u ghodda ohra u huma bilkemm jistghu jghaddu min gol-bitha komuni. Ir-rapport gie aggornat billi gie ndikat li gie mitkellem Salvu Cachia fejn stqarr li huwa veru li ghandu dawn l-affarijiet imsemmija fuq fil-bitha komuni taghhom pero' kompla jghid li huwa qatt ma qal lil hutu biex ma ipoggu xejn fil-komun u kompla jghid li jekk riedu jhallu l-affarijiet taghhom fil-komun.

23. Rapport datat 8 ta' Marzu, 2018 bir-referenza NPS 2/D/470/2018 (fol. 360) fejn permezz tieghu r-rikorrenti Francis Cachia rrapporta li fir-razzett li huwa maqsum bejn l-ahwa hemm bitha li hija komuni bejn kulhadd pero' gara li huh Saviour Cachia tefa karru li bih jingarru z-zwiemel fil-bitha u li kien qieghed ikun ta' telf ghalihom.

24. Rapport datat 7 ta' Novembru, 2018 bir-referenza NPS 2/D/2356/2018 (fol. 323) fejn permezz tieghu r-rikorrenti George, Francis u Nicholas ahwa Cachia rrappurtaw illi sabu l-mahzen taghhom mahrug u li rapport kien gja gie

mdahhal fuqu (NPS 2/D/2357/2018) izda xorta wahda xtaqu li jaghmlu rapport ghal avukat taghhom.

25. Rapport datat 26 ta' Jannar, 2019 bir-referenza NPS 2/D/236/2019 (fol. 271) fejn permezz tieghu r-rikorrenti Francis u Nicholas ahwa Cachia rrappurtaw illi ghal habta tal-22.14 marru fir-razzett biex idahlu l-pony pero' sabu li l-bieba maqluwa minn posta kif ukoll l-entratura ostakulata kollha minn pjanci min-naha ta' gewwa b'tali mod li ma setghux jidhlu. Stqarrew li mal-hajt tal-garaxx il-mahruq ghad ghandu bzonn ta' restawr mill-kuntrattur pero' ma' dan il-hajt qed jigi mdendel xi serkini kif ukoll affarijiet ohra assocjati ma' zwiemel b'tali mod li l-kuntrattur ma jistax ikompli x-xoghol. Fir-rapport gie ndikat li gie mitkellem Eddie Cachia fejn stqarr li kien hu u huh Simon Cachia li ghalqu l-kamra bil-pjanci fejn joqghod il-pony billi l-proprjeta' hija taghhom ukoll u hemm proceduri quddiem il-Qorti Civili rigward din il-proprjeta'. Eddie Cachia sostna li kien dendel xi serkin u apparat mal-hajt tal-garage ghaliex hekk kienu jaghmlu u baqa' jaghmel l-istess u sostna li l-proprjeta' hija taghhom.

26. Rapport datat 10 ta' Marzu, 2019 bir-referenza NPS 2/D/632/2019 (fol. 303) fejn gie ndikat li l-Pulizija rcevew talba mill-Qorti sabiex tiehu procedura fil-konfront ta' Saviour Cachia dan minhabba l-fatt li skond l-appell datat 7 ta' Novembru, 2018 is-Sur Cachia gie obbligat mill-Qorti sabiex iregga lura ghan-normal xi alterazzjonijiet li Saviour ghamel gewwa l-proprjeta' ta' hutu Nicholas u Francis ahwa Cachia. Meta Saviour Cachia gie mitlub spjegazzjoni dan qallhom li bhalissa ghaddejja procedura fil-konfront ta' hutu fic-civil u zied li ma kienx irranga l-affarijiet proprju

minhabba dan il-fatt. Jinghad li fis-sentenza tal-appell ma jissemma fl-ebda hin il-bieb li minnu tista tikseb l-access ghall-kamra li hi ta' proprjeta' ta' Nicholas u Francis. Hu zied li go din il-kamra ma jinzamm xejn u li tinsab battala izda biex tikseb l-access ghaliha wiehed bilfors irid jghaddi minn dan il-bieb.

Illi ghalkemm ir-rikorrenti Nicholas Cachia et resqu diversi lmenti skonthom konsistenti f'atti spoljattivi, hekk kif jidher mir-rapporti ndikati fil-paragrafi precedenti, effettivament fil-kawza odjerna l-Qorti hija tenuta li tezamina unikament dawk l-atti li saru fiz-zmien xahrejn qabel l-intavolar tal-kawza odjerna. Dan ghaliex it-terminu ta' xahrejn li fih ir-rikorrenti jridu jiddeducu l-pretensjoni taghhom huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni. Kif inghad precedentament ir-rikorrenti fl-affidavits taghhom ma ndikawx data specifika meta graw l-avvenimenti lmentati minnhom ghalhekk il-Qorti hija obligata li toqghod fuq id-dati ndikati fir-rapporti tal-Pulizija Ezekuttiva.

Illi minn harsa lejn ir-rapporti kollha esebiti fl-atti kemm mir-rikorrenti (fol. 73), kif ukoll mill-Pulizija (fol. 257), l-unici zewg avvenimenti li jaqghu fil-perijodu ta' xahrejn qabel l-intavolat tal-kawza odjerna cioe' qabel il-11 ta' April, 2018 huma dawn tat-8 ta' Marzu, 2018 (fol. 360) u dak tal-24 ta' Marzu, 2018 (fol. 144).

Illi dakinhar tat-8 ta' Marzu, 2018 ir-rikorrenti rrapportaw li l-intimat Salvu Cachia kien tefa' karru li bih jingarru z-zwiemel fil-bitha u li kien qieghed ikun ta' telf ghalihom. Ir-rapport testwalment jghid:

'Nhar it-08/03/2018 ghall-habta tat-14.45hrs Francis Cachia (ID:890150M) rapporta l-Ghassa ta' Haz Zebbug flimkien m'ibnu

Manuel Cachia (ID: 74097M) u huh Nikol Cachia (ID: 42346M) fejn stqarr illi huwa ghandu parti minn razzett li jinsab fil-limiti ta' Wied Hesri fis-Siggiewi.

Il-kwerelant kompla jispjega li f'dan ir-razzett li huwa maqsum bejn l-ahwa hemm bitha li hija komuni bejn kulhadd, pero gara li huh Saviour Cachia (1ID:89747M) tefa karru li bih jingarru z-zwiemel fil-bitha u li kien qieghed ikun ta' telf ghalihom.'.

Illi flimkien mar-rikors guramentat ir-rikorrenti prezentaw skrittura privata li kienet giet iffirmata mill-partijiet kollha fejn kienet saret il-qasma tal-ambjenti kollha anness maghha pjanta li taghti ndikazzjoni x'gie diviz. Il-Qorti rat li fuq il-pjanta a fol. 8 tal-process saret deskrizzjoni tal-ambjenti kollha (liema deskrizzjoni l-Qorti hi konvinta li ma tiffurmax parti mill-pjanta originali) li pero' jaghtu idea lil Qorti ta' kif inhu r-razzett u fejn huma l-partijiet komuni. Mill-pjanta gie ndikat li l-ambjent indikat bl-ittri L, M, N, O, P, Q huma kollha '…partijiet fil-komun kollha imbarazz periklu ta' bibien fuq il-hitan, kif ukoll pjanci u injam karru ta' ziemel u ssib ukoll tankijiet, magni u gaggeg.'.

Illi dan premess, il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghar-rapport tas-6 ta' Settembru, 2017 bir-referenza NPS 2/D/1984/2017 a fol. 300 et seq tal-process fejn permezz tieghu r-rikorrenti Francis, George u Nicholas ahwa Cachia kienu gja rrapportaw illi huhom Salvu Cachia pogga fil-bitha komuni karru ta' ziemel, srieken, xkejjer kbar bic-cana, karretta u ghodda ohra u li kawza taghhom huma bilkemm setghu jghaddu min gol-bitha komuni. Dan ir-rapport testwalment jghid hekk:

'Illum 06/09/2017 ghall-habta ta' 15:30hrs gew l-ghassa Haz Zebbug l-ahwa Cachia fejn stqarru illi huma ghandhom razzet

f'Wied IL-Hesri Siggiewi illi ga qieghedin f'kaz il-qorti fuqu ma huhom Saviour Cachia. Stqarrew illi dan ir-razzett huwa tal-ahwa kollha pero fil-bitha kommuni ghall-ahwa, Saviour kien pogga karru ta ziemel, srieken, xkejjer kbar bic-cana, karetta u ghodda ohra u huma bilkemm jistghu jaghddu min gol-bitha kommuni. Huma komplew illi Saviour qieghed jaghmel dan l-agir biex jipprovoka lil hutu.

Huma iridu li l-pulizija twissi lil Saviour Cachia biex inehhi dawn l-affarijiet mil-bitha kommuni.

Aggornat ghall-habta ta' 16:45hrs gie l-ghassa Haz zebbug Saviour Cachia fejn stqarr illi huwa vera illi ghandu dawn l-affarijiet imsemmija hawn fuq fil-bitha kommuni taghhom pero kompla illi huwa qatt ma qal lil hutu biex ma ipoggu xejn fil-kommun, u kompla ukoll illi jekk iridu ihallu l-affarijiet taghhom ukoll fil-kommun. Saviour kompla illi dawn l-affarijiet mhux se ihallijhom barra. Il-Pulizija wissu biex izommu il-paci bejniethom.'.

Illi minn harsa lejn dan ir-rapport jirrizulta car li effettivament il-karru kien gja tpogga ferm qabel it-8 ta' Marzu, 2018 u cioe' fis-6 ta' Settembru, 2017 b'dan li effettivament l-att spoljattiv tal-intimati sar ferm qabel it-terminu ta' xahrejn stipulat mill-Ligi. Il-Qorti ghalhekk ma tistax issib li l-azzjoni odjerna giet intavolata entro t-terminu ta' xahrejn. Ghaldaqstant dan l-element jirrizulta li huwa mankanti.

Illi dwar l-att spoljattiv indikat fir-rapport tal-24 ta' Marzu, 2018 (fol. 144) fejn ir-rikorrenti lmentaw mill-fatt li kienu sabu z-ziemel wara l-bieb u ma setghux johorgu bih kif isegwi:
'Nhar l-24/03/2018 ghall-habta tas-13.00hrs Nicholas Cachia (ID: 42346M), Francis Cachia (ID: 890150M) u George Cachia (ID:

968945M) rappurtaw l-Ghassa ta' haz Zebbug fejn stqarrew li kellhom problema fir-razzett li jinsab f'Wied Hesri s-Siggiewi.

Il-kwerelanti stqarrew illi hekk kif marru sabiex johorgu z-ziemel ma setawx ghaliex kien hemm iz-ziemel ta' Simon Cauchi marbut gol-bieb taghhom. Ghalhekk ghajtulu ghall-diversi drabi izda Simon baqa ma marx ghaliex kif rahom rega dahal 'l gewwa mil-bieb.

Il-Pulizija pruvat taghmel kuntatt ma Simon Cachia (ID: 14971M) fuq il-mowbajl fejn irrizulta fin-negattiv.'.

Illi flimkien mar-rapport gew ipprezentati tlett (3) ritratti li minnhom jidher ziemel marbut mal-bieb. Il-Qorti setghet tinnota li dawn it-tlett (3) ritratti ma ttihdux fl-istess gurnata billi fir-ritratt a fol. 149 hemm ziemel ta' lewn kannella, filwaqt li fir-ritratti fol. 150 u fol. 151 tal-process hemm ziemel ta' lewn abjad.

Illi sabiex tkun tista tigi ezercitata l-azzjoni ta' spoll, l-ispoll jrid isir bil-vjolenza jew bil-mohbi u min jikkommetti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-pussessur jew detentur tal-haga mobbli jew immobbli mill-pussess jew detenzjoni li huwa jgawdi.[1] M'hemmx dubju li fil-konfront tar-rikorrenti sar spoll vjolenti u klandestin billi tpogga ziemel fil-bieb b'tali mod li l-access taghhom gie limitat. Prova ta' dan hemm id-deposizzjoni tar-rikorrenti Francis, George u Nikol ahwa Cachia, ir-rapport tal-Pulizija Ezekuttiva, flimkien mar-ritratti.

Illi dwar il-pussess fl-ispoljat ma ghandux bzonn li jkun ta' zmien twil, izda wiehed qasir hafna u sahansitra momentanju huwa

[1] **Joseph Baldacchini -vs- Emanuel Falzon Fava** deciza fit-22 ta' April, 1998.

wiehed sufficjenti.[2] M'hemmx dubju wkoll mill-pussess, u dan ghaliex huwa car li r-rikorrenti kellhom pussess billi kienu juzaw l-bieb bhala access ghar-razzett. Il-bieb li jidher fir-ritratti 149 et seq jidher li huwa l-istess bieb li jidher fir-ritratti a fol. 177 tal-process liema ritratti gew esebiti sabiex juru li l-access taghhom kien qieghed jigi ristrett bil-mutur. Dawn juru li l-bieb in kwistjoni kienet ghodda essenzjali ghar-rikorrenti sabiex jaccedu u johorgu u ghalhekk m'hemmx dubju ta' pussess.

Dwar it-tielet element taz-zmien gja nghad aktar il-quddiem li l-att lamentat mir-rikorrenti sar nhar l-24 ta' Marzu, 2018 b'dan li entro t-terminu ta' xahrejn stipulat mil-Ligi.

Ghaldaqstant gjaladarba t-tlett (3) elementi jissussistu l-Qorti sejra ssib li nhar l-24 ta' Marzu, 2018 gie kommess mill-intimati Simon Cachia et spoll vjolenti u klandestin fir-rigward ir-rikorrenti b'dan li r-rikorrenti ghandhom jigu rintegrati billi l-access mill-bieb imsemmi m'ghandux jigi fl-ebda hin ingumbrat.

**<u>Actio manutentionis fuq raba' maghrufa bhala 'Ta' Wilga z-Zghira':</u>**

Illi l-actio manutentionis hija kontemplata fl-Artikolu 534 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

'534. Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' haga mmobbli, jew ta' universalita' ta' hwejjeg mobbli, jigi mmolestat f'dak il-pussess, jista', fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ha b'idejh dak il-

[2] **Salvina Mercieca et -vs- Andrew Vella et** deciza nhar is-26 ta' Lulju, 2017.

pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b'titolu prekarju.'.

Illi d-decizjoni fl-ismijiet **Gracie Agius pr. et ne. et -vs- Angiolina Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-13 ta' Frar, 1959 tat deskrizzjoni ta' x'inhi l-actio manutentionis b'din tkun:

'Sabiex tista ssehh l-azzjoni possessorja msejha ta' manutenzjoni, jehtieg li jirrikorru erbgha elementi, jigifieri, (1) hija ghandha tirrigwarda haga immobli jew universalità ta' hwejjeg mobili, (2) irid l-attur jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' dik il-haga, (3) trid ikun gie molestat f'dan il-pussess, (4) u l-azzjoni trid tkun giet ezercitata fi zmien sena mill-molestja.'.

Inghad ukoll fir-rigward l-actio manutentionis mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Domenica Mamo et -vs- Antonia Galea et**, deciza fit-18 ta' Frar, 2004 illi:

'Azzjoni bhal din timmira biex tassikura l-godiment pacifiku tal-pussess u biex tinibixxi kull att li jittraduci ruhu f'ostakolu ghall-izvolgiment ta' l-ezercizzju tad-dritt sostantiv tal-pussess. Il-finalita' taghha hi dik allura ta' funzjoni konservattiva tal-pussess u c-cessazzjoni tal-molestja. Ara Vol. LI PI P100. Dan jiddifferenzjaha markatament mill-azzjoni ta' spoll inkwantu 'mentre quella di manutenzione e' data per proteggere il possesso, che possa essere turbato, od anche eventualmente violato o distrutto, l'altra di reintegrazione viene fondata per punire la violenza o clandestinita' dello spoglio. Michele Azzopardi -vs- Giuseppe Farrugia, deciza fil-31 ta' Ottubru, 1930'.

Ir-raba' mertu tal-kawza odjerna maghruf bhala 'Ta' Wilga z-Zghira', jew 'Taqsisa', jew 'L-Bur' gie ndikat fuq siteplan esebita fl-

atti a fol. 55 u aeriel photo a fol. 56 tal-process. Ir-rikorrenti jsostnu li l-art 'Ta' Wilga z-Zghira' hija mqabbla ghandhom mil-Lands Authority u qabel mill-Kurja u sabiex isahhu l-argument taghhom jiprezentaw dokumenti konsistenti f'ricevuti tal-hlas tal-kera (fol. 57) u l-ktieb tar-raba' (fol. 59).

Illi fl-affidavit tieghu r-rikorrenti Francis Cachia (fol. 52) dwar l-ghalqa u l-att li dwaru jilmenta li gie kommess fil-konfront taghhom jghid illi:

'Nghid illi dan ir-raba huwa dak li jidher fl-annessa pjanta dok FC1 u Ariel photo dok FC2. Dan ir-raba jinsab fil-limiti tas-Siggiewi, u huwa mqabbel ghandna r-rikorrenti minghand il-Lands Authority. Qabel dan, kien jithallas lil Curia. Qieghed nesebixxi kopja ta' ircevuta tal-hlas tal-qbiela (dok FC3 u FC4) u kif ukoll kopja tal-ktieb tar-raba (doc FC5). Ghalkemm il-ktieb tar-raba tal-Ghammieri jindika lili bhala l-bidwi, fil-fatt jien nahdem dan ir-raba ghan-nom ta' huti r-rikorrenti ukoll. Dan ir-raba huwa ta' circa hames t-tmiem, saghajn u zewg kejliet.

Irrid nghid illi fit-8 ta' Marzu 2018 ghal habta tas-2pm Saviour Cachia u Simon Cachia flimkien ma' Luke Cachia li jigi iben Simon, dahlu gewwa l-ghalqa maghrufa 'Il-Wilga z-Zghira' fil-limiti tas-Siggiewi b'mod illegali. Dak in-nhar l-intimati Saviour u Simon Cachia hasdu u serqu l-qamh li jiena u huti kellna mizruh fl-imsemmija ghalqa. Barra minn dan sibna ukoll il-hitan tal-ghalqa maqlubin u dana kollu kif juri l-annessi dokumenti FC6 sa FC15. Regghu dahlu u serqu l-qamh fid-9, fl-10, fit-12 u fit-13 ta' Marzu 2018 rispettivament. Irrid nghid illi kemm jiena u kemm huti Nicholas Cachia u George Cachia qbadna lill-intimat Simon Cachia u lit-tifel tieghu Luke Cachia fl-ghalqa taghna fil-fatt aktar minn okkazzjoni wahda kif spjegajt, u minkejja li Simon Cachia

gie imwissi sabiex taht l-ebda cirkostanza ma jerga jidhol fl-imsemmija ghalqa, huwa assigurana li mhux talli kien dahal jiehu l-qamh, imma kien ser jerga' jidhol jiehu l-qamh u hadd ma kien ser jzommu, anqas il-pulizija. F'wahda minn dawk l-okkazzjonijiet rajna ukoll lil huna Saviour Cachia vicin l-ghalqa ghaddej bil-karrozza mghobbija l-qamh. Simon Cachia kien jghidilna li jrid jiehu l-ghalqa f'idejh u aktar minn hekk kien jghidilna b'mod sarkastiku, 'intom tiziraw u jiena jkolli x'nahsad'.

…

Fir-rigward ta' dina l-ghalqa nghid ukoll illi l-intimati qatt ma kellhom x'jaqsmu mieghu u qatt qabel dawn l-incidenti mertu ta' dina l-kawza ma kienu dahlu fih qabel. Nzid li meta l-intimati Simon u Saviour Cachia bdew jinvadu l-ghalqa, sibna ukoll il-hitan tal-ghalqa vandalizzati u mkissrin, tant illi jiena u huti kellna noqghod nsewwu dawn il-hitan (ara ritratti esebiti ma' dan l-affidavit).'.

Illi din il-verzjoni tal-fatti giet konfermata mir-rikorrenti George Cachia (fol. 215) u Nicholas Cachia (fol. 216). Jikkollaboraw wkoll din il-verzjoni hemm ir-rapporti ntavolati mal-Pulizija Ezekuttiva li huma (i) rapport datat 8 ta' Marzu, 2018 bir-referenza NPS 5/K/489/2018 (fol. 178), (ii) rapport datat 9 ta' Marzu, 2018 bir-referenza NPS 5/K/499/2018 (fol. 184), (iii) rapport datat 12 ta' Marzu, 2018 bir-referenza NPS 2/D/498/2018 (fol. 190), u, (iv) rapport datat 13 ta' Marzu, 2018 bir-referenza NPS 5/K/522/2018 (fol. 198). Flimkien ma' dawn ir-rapporti r-rikorrenti prezentaw ghadd ta' ritratti konsistenti a fol. 182 li jidher persuna maskili tghabbi l-haxix/qamh fuq mutur, a fol. 189, a fol. 193, u a fol. 194 jidher il-hajt tas-sejjieh imwaqqa, a fol. 195 u fol. 196 jidhru r-rikorrenti jaghmlu t-tiswijiet necessarji fuq il-hajt tas-sejjieh, u a fol.

197 jidher il-hajt tas-sejjieh tal-ghalqa rrangat. Fir-ritratti a fol. 202 et seq tal-process jidher persuna maskili jghabbi l-haxix/qamh f'vettura bajda tal-ghamla Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni BBU274, kif ukoll jidher l-istess persuna tillitiga ma' persuna ohra ta' sess maskili.

Illi nigu ghal ezami tal-elementi bl-ewwel element ikun dwar il-pussess ta' haga mmobbli jew ta' universalita' ta' hwejjeg mobbli. Fid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Stephanie Bezzina -vs- Claude Calleja et** deciza nhar it-28 ta' Ottubru, 2021 dwar il-pussess inghad illi:

34. 'Dwar l-ewwel element, ossija dak tal-pussess, qari ta' l-Artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li l-azzjoni ta' manutenzjoni hija waħda possessorja ossija jista' jressaqha min "*jinsab fil-pussess ta' ħaġa immobbli*" u li dan il-pussess jista' jkun "*ta' liema xorta jkun*", **iżda**, dan ma jfissirx li d-detenzjoni hija biżżejjed għax detenzjoni mhix pussess. Pussess jista' jkun leġittimu jew illeġittimu, b'titolu jew bla titolu, in bona fede jew mala fede – iżda ma jfissirx illi d-detenzjoni hija biżżejjed, għax detenzjoni mhuwiex pussess (sentenza fl-ismijiet **Alfred Fenech vs Dr. Harry Vassallo** deċiża mill-Prim Awla fil-5 ta' Ottubru, 2001. Ara wkoll l-kawża deċiża fit-8 ta' Ottubru, 2004 (Citazzjoni Numru 56/1992/2) fl-ismijiet **Costantino Borg vs. Dottor Alexander Cachia noe et**).

35. Din id-distinzjoni tal-pussess essenzjali għall-*actio manutentionis*, ġiet ferm tajjeb rimarkata fil-każ reċenti mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fl-ismijiet **Stacy Chircop vs. Maria Spiteri**", deċiża fil-11 ta' Lulju 2016, fejn ingħad: "*Jekk tqabbel l-Artikolu 534 dwar l-actio manutentionis mal-Art. 535 dwar l-actio spolii, tinnota li waqt li*

*l-Artikolu 534 irid" il- pussess ta' liema xorta jkun", l-Art. 535 irid il-pussess ta' liema xorta jkun, jew id-detenzjoni.' Huwa ovvju għalhekk, li l-kliem "il- pussess, ta' liema xorta jkun ma jinkludix id-detenzjoni, għax li kien hekk, il-kliem' ... jew id-detenzjoni' fl-Artikolu 535 kien ikun superfluwu."*

Il-Qorti kompliet tfisser li:

*Il-kliem "ta' liema xorta jkun" ifisser illi l-pussess ad interdicta jista' jkun leġittimu jew illeġittimu, in bona fide jew in mala fide, u ma huwiex meħtieġ li jkollu l-kwalitajiet kollha meħtieġa għall-pussess ad usucapionem, iżda jrid ikun pussess; detenzjoni ma hijiex biżżejjed."*

Skont l-awtur Taljan Alberto **Trabucchi** ("Istituzione di Diritto Civile" CEDAM 1999) li jiċċita l-artikolu relattiv mil-Liġi Taljana li jirriżulta simili għal dak fit-test Malti:

*"Il possesso e' definite dall'art 1140 come un potere sulla cos ache si manifesta in un'attivita' corrispondente all'esercizio del diritto di proprieta' o di un altro diritto reale" (pagna 455).*

Imbagħad ikompli jispjega d-distinzjoni bejn pussess u detenzjoni abbażi ta' l-animus;

*E' l'animus, dicevamo, che distingue le due figure del possessore e del detentore, mentre l'uno e l'altro appaiono in un uguale rapport di fatto con la cosa. Si ha detenzione quando manca l'animus di esercitare la proprieta' o altro diritto sulla cosa. Nella posizione del detentore rispetto alla cosa esiste l'implicito riconoscimento di una preminente posizione altrui, e in qualche caso di una propria dipendenza da quella ... Si avra' detenzione e non possesso in chi tiene la cosa ... d) nell'interesse proprio del detentore per esercitare un diritto personale sopra la cosa altrui (conduttore della cosa*

*avuta in locazione, comodatario, ecc)"'.*

Dik l-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni kwotata fl-ismijiet **Stacy Chircop -vs- Maria Spiteri** deciza nhar il-11 ta' Lulju, 2016 ghamlitha cara fid-decizjoni taghha li inkwilin m'ghandux il-jedd fil-ligi li jezercita' l-actio manutentionis. Inghad:

'12. Dan l-aggravju huwa msejjes fuq il-premessa illi l-pussess "ta' liema xorta jkun" li jrid l-art. 534 jinkludi wkoll id-detenzjoni. Dan huwa legalment skorrett. Jekk tqabbel l-art. 534 dwar l-actio manutentionis mal- art. 535 dwar l-actio spolii tinnota li waqt li l-art. 534 irid "il-pussess, ta' liema xorta jkun", l-art. 535 irid il-"pussess, ta' liema xorta jkun, jew ... id-detenzjoni". Huwa ovvju għalhekk illi l-kliem "il-pussess, ta' liema xorti jkun", ma jinkludix id-detenzjoni għax li kien hekk il-kliem "jew ... id-detenzjoni" fl-art. 535 kien ikun superfluwu. Il-kliem "ta' liema xorta jkun" ifisser illi l-pussess ad interdicta jista' jkun leġittimu jew illeġittimu, in bona fide jew in mala fide, u ma huwiex meħtieġ li jkollu l-kwalitajiet kollha meħtieġa għall-pussess ad usucapionem, iżda jrid ikun pussess; detenzjoni ma hijiex biżżejjed. L-attur, li jistqarr li t-titolu tiegħu huwa wieħed ta' kerrej, qiegħed b'hekk jammetti li ma jivvantax animus domini u li għalhekk huwa biss detentur u, bħala kon-segwenza, ma jistax jinqeda bl-azzjoni taħt l-art. 534 Kod. Civ.'.

Fil-kaz in ezami, r-rikorrenti Francis Cachia fl-affidavit tieghu a fol. 212 et seq stqarr illi huma qeghdin jiddetjenu l-ghalqa b'titolu ta' qbiela. Qal illi: '… *Dan ir-raba jinsab fil-limiti tas-Siggiewi, u huwa mqabbel ghandna r-rikorrenti minghand il-Lands Authority. Qabel dan, kien jithallas lil Curia. Qieghed nesebixxi kopja ta' ircevuta tal-hlas tal-qbiela (dok FC3 u FC4) u kif ukoll kopja tal-ktieb tar-raba (doc FC5).'*. Huwa car minn din id-deposizzjoni li r-rikorrenti qeghdin jirrikonoxxu li jzommu l-ghalqa b'titolu ta' qbiela minghand l-

Awtorita' tal-Artijiet, b'dan li ma jirrizultax li kellhom l-pussess *animo domini* neccessarju kif dettaljat fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell suesposta. Jsegwi li la darba wiehed mill-elementi sabiex l-azzjoni ta' manutenzjoni tissussisti huwa mankanti l-Qorti m'ghandiex ghalfejn tinoltra ruhha fl-ezami tal-elementi l-ohra. Il-Qorti ser tghaddi ghalhekk sabiex tichad din il-parti tat-talba relatata mal-actio manutentionis.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati biss safejn dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' talba billi dawn it-talbiet huma nkompatibbli man-natura tal-kawza odjerna konsistenti f'parti actio spolii u f'parti actio manutentionis;

3. Tilqa' in parte l-hames talba tar-rikorrenti relatata mal-actio spolii u tikkundanna lill-intimat Simon Cachia sabiex ma jhallix liz-ziemel marbut mal-bieb, fl-ebda hin, hekk kif jidher fir-ritratti a fol. 149, a fol. 150 u a fol. 151 tal-process b'tali mod li r-rikorrenti jigu mtellfa mit-tgawdija ta' access liberu mill-istess bieb u tichadha fil-kumplament ghar-ragunijiet suesposti;

4. Tichad is-sitt, s-seba' u t-tmien talbiet u dan ghar-ragunijiet fuq indikati.

Bl-ispejjez ghadhom ikunu inkwantu 2/3 ghar-rikorrenti u inkwantu 1/3 ghall-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Mejju, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju, 2023**